**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 20 ta' Settembru 2023**

**Rikors Numru: 209/2023 MLF**

**Fl-atti tal-mandat ta' Sekwestru Numru 1804/2023 fl-ismijiet:**

**Agenzija tas-Sistema ta' Infurzar Lokali**

**vs**

**Tonio Ciantar**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors ta' Tonio Ciantar tal-24 t' Awwissu 2023 fejn espona:

Illi r-rikorrent inhareg kontrih il-mandat ta' sekwestru hawn fuq imsemmi a bazi ta' allegati citazzjonijiet mahruga lil vettura li kienet tar-rikorrent, bil-bicca l-kbira tac-citazzjonijiet datati mis-sena 2000 sas-sena 2005 – vettura NCS001 (249 minn 260 citazzjoni).

Illi r-rikorrent jissottometti li tali att esekuttiv huwa legalment null minhabba imqar wahda mir-ragunijiet li ser jinghataw:

1. Illi l-Artikolu 273 tal-Kap. 12 jghid li l-mandati esekuttivi jistghu jigu uzati sabiex jinfurzaw kwalunkwe titolu esekuttiv imsemmi fl-Artikolu 253. Decizjonijiet moghtija b'dak li kienu Kummissarji tal-Gustizzja, ma jinkwadraw imkien fl-Artikolu 253, u kwindi legalment ma humiex titoli esekuttivi, u kwindi ma setax jinhareg mandat ta' sekwestru bbazat fuqhom.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk jinghad li huma titolu esekuttiv taht l-Artikolu 253, allura ma jistghux jigi enforzati minhabba t-trapass taz-zmien, a bazi tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12. Anke l-iktar perjodu twil ta' hmistax il-sena li jinsab fl-Artikolu 258(a), ghadda u b'hekk is-sekwestranti ma kienux f'posizzjoni li johorgu l-mandat qabel ma ghamlu l-proceduri kontemplati fl-istess Artikolu.

3. Illi mal-mandat ta' sekwestru odjern kulma hemm huwa print out ta' numru ta' citazzjonijiet. Ai termini tal-Artikolu 274(3) tal-Kap. 12 dan ma jissodisfax ir-rekwizit tal-ligi. Fil-fatt, minghajr pregudizzju ghal dak li inghad iktar 'l fuq, is-sekwestrant kellu jesebixxi kopja ta' kull titolu esekuttiv li qed jallega li ghandu, kif ukoll ittra ufficcjali ai termini tal-Artikolu 256(2). Dan m'ghamlux, u dan hu mehtieg ad validitatem, ghax inkella kif jista l-allegat debitur ikun jaf ezattament x'inhu t-titolu esekuttiv li qed jigi enforzat?

4. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, ir-rikorrent kien gie mgharraf minn Transport Malta li l-unika ammonti dovuti li kien hemm fuq il-vettura kien l-ammont ta' €528, liema ammont kien ammont dovut sabiex il-vettura tigi meqjusa li giet skrappjata fl-1 ta' Novembru 2013, u gew annessi Dok. A u B mar-rikors promotur.

Illi in vista tas-suespost, ir-rikorrent talab lill-Qorti tiddikjara l-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet hawn fuq imsemmija bhala null u tordna l-hrug tal-kontromandat opportun, bl-ispejjez ta' din il-procedura u tal-kontromandat kontra s-sekwestranti.

2. Rat ir-risposta tal- Agenzija tas-Sistema ta' Infurzar Lokali fejn esponiet:

1. Illi l-Agenzija intimata qieghda tintavola r-risposta taghha entro t-terminu prefiss, minn din il-Qorti, fid-digriet taghha datat 31 t'Awwissu tas-sena 2023;

2. Illi l-Agenzija intimata kienet intavolat mandat ta' sekwestru ezekuttiv sabiex l-istess Agenzija tigbor l-ammont ta' €12,686.33, liema ammont jirraprezenta numru ta' kontravvenzjonijiet li ghalkemm illum il-gurnata huma decizi, l-istess Ciantar naqas milli jaghmel il-pagament relattiv;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u kuntrarjament ghal dak li qieghed jintqal fir-rikors odjern, il-mandat mertu ghal dawn il-proceduri inhareg taht l-Att dwar il-Kummissarju tal-Gudizzju, Kapitolu 291 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux taht il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif qieghed erronjament jigi ndikat fir-rikors mertu ghal din ir-risposta;

4. Illi maghdud ma' dan, is-sub-Artikolu (5) tal-Artikolu 10 tal-Att dwar il-Kummissarju tal-Gustizzja jipprovdi li meta l-Kummissarju tal-Gustizzja sedenti jinfliggi l-piena, din ghandha titqies bhala titolu ezekuttiv ghall-finijiet tal-Kapitolu 12. Izda tali pieni xorta wahda jitqiesu bhala titolu ezekuttiv ai fini tal-Att dwar il-Kummissarju tal-Gustizzja u emanenti minn dejn li qieghed jitqies mil-Ligi, ossia Kapitolu 291, bhala civili u li huwa cert, likwidu u dovut;

5. Illi meta jigi analizzat sew il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, senjament l-Artikolu 253, johrog car li d-decizjonijiet tal-Kummissarju tal-Gustizzja lanqas biss huma inkluzi fl-imsemmija Artikolu. Dan dovut ghal fatt li d-decizjonijiet tal-Kummissarju tal-Gustizzja huma ta' indoli penali filwaqt li l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, jitratta decizjonijiet ta' natura civili. Talvolta dan, allura lanqas m'ghandhu japplika l-Artikolu 258, kif erronjament qieghed jittanta jaghmel l-intimat Ciantar. B'analizi semplici tal-Artikolu 258, dan l-istess Artikolu huwa bbazat fuq l-Artikolu 253;

6. Illi tant kemm hu hekk u cioe li l-Kapitolu 291 jitratta indoli ta' natura penali, li l-istess Att, jaghmel referenza ghall-fatt li l-proceduri quddiem il-Kummissarju tal-Gustizzja ghandhu jkollhom l-istess funzjoni daqs li kieku qieghdin jinstemghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati, skont il-Kodici Kriminali;

7. Illi gialadarba l-mandat ta'sekwestru sar abbazi tal-Att dwar il-Kummissarju tal-Gustizzja, hawnhekk ghandna kaz ta' lex specialis li tikkrea titolu ezekuttiv sui generis. Per konsegwenza m'ghandhux japplika l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

8. Illi b'referenza ghar-raba' paragrafu tar-rikors odjern, l-intimat Ciantar m'ghandhux mis-sewwa u qieghed jipprova jisgwida lil din il-Qorti. Dan ghaliex huwa qieghed jghid li l-unika ammont dovut huwa dak ta' €528, bir-rispett, dak l-ammont jirrifletti biss pagamenti tal-licenzji u penalitajiet ghax dam ma hallas l-istess licenzja. Jekk wiehed janalizza Dokument A, datata 15 ta' Lulju 2021, anness mar-rikors promotur, jidher car li l-ammont ta' kontravvenzjonijiet fuq il-vettura NCS-001 hemm €11,692.06 dan kuntrarjament ghal dak li qieghed jintqal fir-rikors promotur.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-Agenzija intimata talbet lill-Qorti sabiex tichad it-talbiet maghmula fir-rikors promotur, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet preliminari kollha u/jew in parte migjuba mill-Agenzija intimata.

3. Rat l-atti kollha ta' dawn il-proceduri, u d-dokumentiipprezentati, kif ukoll l-atti tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1804/2023 fl-ismijiet premessi.

4. Semghat it-trattazzjoni orali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

5. Ir-rikorrent qieghed jissottometti li dan il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv ghandu jigi revokat ghal erba' ragunijiet li inghataw bla pregudizzju ghal xulxin:

(i) illi decizjonijiet tal-Kummissarji ghall-Gustizzja m'humiex l-elenkati bhala titolu ezekuttiv fl-Artikolu 253 tal-Kodici ta' Procedura Civili, u kwindi ma jistax jinhareg mandat ta' sekwestru ibbazat fuqhom.

(ii) illi jekk jinghad li huma titolu ezekuttiv, dawn id-decizjonijiet ma jistghux jigu enforzati ghax ghadda anke l-itwal terminu kontemplat fl-Artikolu 258 tal-Kodici ta' Procedura Civili ghall-enfurzar taghhom.

(iii) illi t-titoli ezekuttivi ma gewx annessi mal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv.

(iv) illi Transport Malta kienet infurmat lir-rikorrent li l-unika ammont dovut minnu fuq il-vettura in kwistjoni kien l-ammont ta' €528.

Il-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra dawn is-sottomissjonijiet wiehed wiehed.

*L-Ewwel Raguni – Id-Decizjonijiet tal-Kummissarji ghall-Gustizzja m'humiex titoli ezekuttivi*

6. Huwa pacifiku bejn il-partijiet - u *del resto* lanqas jista' jkun hemm dubbju fuq hekk - li d-decizjonijiet tal-Kummissarji ghall-Gustizzja m'humiex elenkati bhala titolu ezekuttiv fl-Artikolu 253 tal-Kodici ta' Procedura Civili.

7. Min-naha l-ohra, l-Agenzija intimata qed tissottometti illi l-mandat ta' sekwestru de quo inhareg bis-sahha tal-Att dwar il-Kummissarju ghall-Gustizzja (Kapitolu 291), li hija *lex specialis* li tikkrea titolu ezekuttiv sui generis. Konsegwentement, id-disposizzjonijiet fil-Kodici ta' Procedura Civili m'humiex applikabbli fil-kaz odjern.

8. L-Artikolu 10(5) tal-Kapitolu 291 jippreskrivi hekk:

*"L-ammont tal-penali jkun dovut u għandu jitħallas lill-Gvern, jew meta l-ammont tal-penali jkun dovut lil Kunsill Lokali skont l-Att dwar Gvern Lokali, bħala dejn ċivili, likwidat u ċert, u jista' jiġi miġbur mir-Reġistratur tal-Qrati jew mill-Kunsill Lokali, skont il-każ. L-ordni msemmija fis-subartikolu (2) għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv skont u għal finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni uProċedura Ċivili."*

9. L-ordni li jaghmel riferenza ghaliha dan l-Artikolu 10(5) huwa l-ordni tal-Kummissarju ghall-Gustizzja li persuna thallas ammont ta' flus specifikat bhala penali wara li l-Kummissarju jkun iddikjara lil dik il-persuna hatja ta' infrazzjoni. Ai termini tal-Artikolu 10(5) din l-ordni tikkostitwixxi titolu ezekuttiv skond u ghal finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta' Procedura Civili, li huwa t-titolu li jirregola l-ezekuzzjoni ta' sentenzi u titoli ezekuttivi.

10. Ghaldaqstant huwa it-titolu ezekuttiv – u cioe l-ordni tal-Kummissarju ghall-Gustizzja ghall-hlas tal-penali – li huwa mahrug taht il-Kapitolu 291 tal-Ligijiet ta' Malta. Pero ai termini tal-Artikolu 10(5) tal-Kapitolu 291, l-ezekuzzjoni ta' dak it-titolu ezekuttiv trid issir taht id-disposizzjonijiet relevanti tal-Kodici ta' Procedura Civili, u allura l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv in kwistjoni inhareg taht dan il-Kodici.

11. Ghal kull buon fini, il-Qorti tirrileva illi l-Artikolu 10(3) tal-Kapitolu 291 jaghti dritt lill-Gvern jew lill-Kunsill Lokali sabiex jigbor dawn il-penali inflitti mill-Kummissarji ghall-Gustizzja. Pero, dan il-poter li jingabru l-penali gie delegat mill-Kunsill Lokali lill-Agenzija intimata permezz tal-Legislazzjoni Sussidjarja 363.41.

12. Ir-Regolament 3(b) tal- Legislazzjoni Sussidjarja 595.14, imsejha Ordni dwar it-Twaqqif tal-Agenzija ghas-Sistema tal-Infurzar Lokali, jelenka fost il-funzjonijiet u d-dmirijiet tal-Agenzija intimata dak li *"tigbor penali, inkluzi penali addizzjonali u spejjez li jistghu ikunu dovuti lil kumitati regjonali jew lill-Kunsilli Lokali skond it-termini tal-Att dwar Gvern Lokali."*

13. Ghaldaqstant, ir-Regolament 3(b) tal-L.S. 595.14, moqri flimkien mal-L.S. 363.41, jawtorizza lill-Agenzija intimata tigbor dawn il-penali. Dan qed jinghad stante li fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tar-rikorrent qajjem dubbju jekk l-Agenzija intimata ghandhiex il-poter skond il-ligi tigbor dawn il-penali.

14. Ghar-ragunijiet fuq esposti, dawn is-sottomissjonijiet qed jigu michuda.

*<u>It-Tieni Raguni: It-Terminu stabbilit mil-ligi sabiex jigi ezegwit it-titolu ezekuttiv skada</u>*

15. Ir-rikorrent jissottometti subordinatament li huwa applikabbli ghal dawn il-proceduri l-Artikolu 258 tal-Kodici ta' Procedura Civili li jippreskrivi hekk:

*"Wara –*
*(a) l-għeluq ta' ħmistax-il sena minn dak in-nhar li fihskont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafu (a), (ċ) u (d) tal-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Superjuri seta' ġie esegwit; jew*

*(b) l-għeluq ta' għaxar snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (a), (ċ) u (d) tal-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Inferjuri jew tat-Tribunal tat-Talbiet Żgħar seta'ġie esegwit; … …*
*l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. … …"*

16. Il-paragrafi (a), (c) u (d) tal-Artikolu 253 jelenkaw bhala titoli ezekuttivi, is-sentenzi u decizjonijiet tal-Qrati, taxxi ta' drittijiet u spejjez mahruga mir-Registratur u decizjoni ta' arbitri registrati mac-Centru tal-Arbitragg ta' Malta. Huwa ovvju li l-ordni tal-Kummissarju ghall-Gustizzja ma jaqgha taht l-ebda wahda minn dawn il-kategoriji, stante li l-Kummissarju ghall-Gustizzja m'huwiex Qorti, kif lanqas Tribunal tat-Talbiet Zghar, imma huwa gudikatur *ad hoc.*

17. Ghaldaqstant, l-Agenzija intimata ghandha ragun meta tissottometti li l-ordni tal-Kummissarju ghall-Gustizzja hija titolu ezekuttiv *sui generis* u m'ghandux hajja limitata u determinata sa meta tista issir l-ezekuzzjoni tieghu, bhal fil-kaz tat-titoli ezekuttivi kontemplati fil-Kodici ta' Procedura Civili. Konsegwentement, l-ordnijiet tal-Kummissarju jistghu jigu ezegwiti f'kull zmien, ghax l-Artikolu 258 tal-Kodici mhux applikabbli ghalihom.

18. Ghaldaqstant, il-mandat ta' sekwestru *de quo* ma jistghax jigi imhassar ghar-raguni li l-ordnijiet tal-Kummissarju imorru lura ghas-sena 2001.

*<u>It-Tielet Raguni: It-Titolu ezekuttiv ma giex anness mal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv</u>*

19. Fit-tielet lok, u subordinatament, ir-rikorrent issottometta illi l-mandat ghandu jigi revokat ghaliex ma gewx annessi mieghu t-titoli ezekuttivi relevanti. Fit-trattazjoni orali, l-avukat difensur tar-rikorrent ghamel riferenza ghall-Artikolu 274(3) tal-Kodici ta' Procedura Civili li jippreskrivi hekk:

*"Fejn it-titolu eżekuttiv ikun ta' xort'oħra milli sentenza tal-qorti li lilha hi magħmula t-talba, kopja tal-istess titolu u tal-att li fih in-notifika, fejn l-istess notifika hi meħtieġa skont l-artikolu 256, għandhom jiġu ppreżentati flimkien mat-talba."*

Ghar-ragunijiet moghtija iktar il-fuq, dan l-Artikolu huwa wkoll applikabbli ghal mandati mahruga biex jezegwixxu ordnijiet tal-Kummissarji ghall-Gustizzja.

20. Fil-kaz odjern, it-titolu ezekuttiv huwa l-ordni tal-Kummissarju ghall-Gustizzja fejn ordna l-hlas tal-penali, ai termini tal-Artikolu 10(2) tal-Kapitolu 291. Huwa pacifiku bejn il-partijiet illi fil-kaz odjern l-ordnijiet tal-Kummissarju ghall-hlas tal-penali ma gewx annessi mal-mandat. Minflok, l-Agenzija annettiet rendikont tal-penali dovuti mir-rikorrent ikkonfermati bil-gurament permezz ta' affidavit tal-Kap Ezekuttiv tal-Agenzija.

21. Fit-trattazzjoni orali, l-avukat difensur tal-Agenzija spjega r-ragunijiet logistici ghalfejn huwa difficli li l-ordnijiet tal-Kummissarju jigu annessi mal-mandat, u dan ghaliex fil-verita ma jinzammux hard copies ta' dawn l-ordnijiet, stante li jinhargu mijiet ta' eluf ta' dawn l-ordnijiet fis-sena. Il-persuna li tigi mitluba thallas il-penali, bhar-rikorrent, tista' facilment tidhol fis-sistema komputerizzata tal-Agenzija, li fiha d-dettalji kollha relevanti tal-penali dovuti minn kull persuna, u ghalhekk tista' tivverifika l-penali hix verament dovuta jew le.

22. Din il-Qorti tifhem il-problema logistika tal-Agenzija, u fl-opinjoni taghha fis-sena 2023, il-ligijiet ghandhom ikunu aggornati sabiex jikkontemplaw ir-rikonoxximent ta' sistemi komputerizzati bhal dik tal-Agenzija. Pero, idejn il-Qorti huma marbuta, u l-Artikolu 274(3) jikkontempla biss li jigu annessi kopji fizici tat-titoli ezekuttivi. Dan hu kaz klassiku ta' *dura lex sed lex.*

23. Fil-15 ta' Settembru 2023, u ghalhekk wara li dan ir-rikors gie differit ghal provvediment finali, l-Agenzija intimata ipprezentat nota li maghha ezebiet kopja tad-decizjonijiet tal-Kummissarju tal-Gustizzja, li skond l-istess Agenzija, jiffurmaw il-meritu ta' dan il-mandat. Apparti li din in-nota lanqas giet notifikata lir-rikorrenti, dawn id-decizjonijiet kellhom skond l-Artikolu 274(3) fuq citat, jigu pprezentati flimkien mat-talba ghall-hrug tal-mandat, u mhux f'dan l-istadju inoltrat ta' dawn il-proceduri. Ir-rikorrent ghandu certament id-dritt li jifli dawn id-decizjonijiet u jinghata opportunita li jekk irid jikkontestahom ghal xi raguni valida fil-ligi. Pero ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kodici ta' Procedura Civili, din il-Qorti hija marbuta li tiddeciedi dan ir-rikors fi zmien xahar

mid-data tal-prezentata tieghu, li f'dan il-kaz hija l-24 t'Awwissu 2023, liema terminu wasal biex jiskadi. Kieku din il-Qorti kellha tiehu konjizzjoni ta' din in-nota f'dan l-istadju, tkun qieghda fil-fatt tirreka pregudizzju irrimedjabbli lir-rikorrent, ghax tkun qed tipprivah mid-dritt li jikkontesta l-istess decizjonijiet, jekk ikun il-kaz. Konsegwentement il-Qorti m'hix se tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din in-nota.

24. Ladarba l-ordnijiet tal-Kummissarju ghall-hlas tal-penali ma gewx annessi mar-rikors ghat-talba tal-hrug tal-mandat ta' sekwestru, din il-Qorti m'ghandhix xelta hlief li tirrevoka l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni, stante li l-Artikolu 274(3) tal-Kodici tal-Procedura Civili ma giex osservat.

*Ir-Raba' Raguni: L-ammont dovut mir-rikorrent huwa inqas minn dak indikat fil-mandat*

25. Fl-ahharnett, u minghajr pregudizzju ghas-sottomissjonijiet precedenti, ir-rikorrent jissottometti li huwa kien mgharraf minn Trasport Malta li l-ammont minnu dovut rigward il-vettura in kwistjoni kien ta' €528.

26. Huwa ovvju li f'dawn il-proceduri, din il-Qorti ma tistghax tidhol fil-kwistjoni tal-ammont effettivament dovut mir-rikorrent lill-Agenzija intimata, ghax inkella tkun qed tidhol fil-kwistjoni tal-mertu innifsu tas-sorte mitluba fil-mandat ta' sekwestru. Il-procedura odjerna giet intavolata taht l-Artikolu 281 tal-Kodici tal-Procedura Civili sabiex jigi revokat il-mandat ta' sekwestru *de quo.* Fid-digriet **Michael Micallef vs Lloyds Malta Ltd** deciz fit-2 t'Ottubru 2014, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[1] irriteniet hekk:

*"Din il-Qorti ... ... hija tal-fehma li l-għan li għaliha ddaħħlet il-proċedura taħt l-artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ.[2] Kemm hu hekk, l-*

[1] *Per* Imhallef Joseph R. Micallef.
[2] *Ara, per eżempju, App. Ċiv. 1.12.2000 fil-kawża fl-ismijiet* ***Briffa vs Stones Properties Ltd. noe*** *(Kollez. Vol: LXXXIV.ii.1401) u App. Ċiv. 25.5.2001 fil-kawża fl-ismijiet* ***K.T.I. vs Serge*** *(Kolleż. Vol: LXXXV.ii.414).*

*ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra. Ta' min iżid jgħid ukoll li dan ir-rimedju ma jingħatax biss lil min kontra tiegħu jkun inħareġ Mandat bħal dak, iżda wkoll lil "xi persuna oħra interessata". Dak li huwa tassew meħtieġ li jintwera minn min jinqeda bi proċedura bħal din hu l-eżistenza ta' "raġuni valida skond il-liġi";*

*Illi l-liġi ma tgħidx x'tista' tkun "raġuni valida skond il-liġi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in ġenerali, jista' jingħad li Mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma,[3] bħal meta jinħareġ kontra persuna ħażina jew persuna b'oħra. Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawża preżenti m'huwiex Mandat kawtelatorju;"*

27. Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti qed tastjeni milli tikkunsidra ulterjorment din ir-raba' raguni ghalfejn ir-rikorrent qed jissottometti li l-mandat ta' sekwestru *de quo* ghandu jigi mhassar.

**Konkluzjoni**

28. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi:

    (1) tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' raguni moghtija mir-rikorrent ghalfejn il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1840/2023 fl-ismijiet premessi ghandu jigi mhassar;

    (2) tichad l-ewwel u it-tieni ragunijiet moghtija mir-rikorrent ghalfejn il-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi ghandu jigi mhassar;

[3] *P.A. AJM 14.11.1994 fil-kawża fl-ismijiet* ***Josephine Spiteri vs Anthony Perry et*** *(digriet interlokutorju).*

(3) tilqa’ t-talba tar-rikorrent fejn talab ir-revoka tal-mandat ta’ sekwestru fl-ismijiet premessi, stante li l-ordnijiet relattivi tal-Kummissarju ghall-Gustizzja ma gewx annessi mal-istess mandat;

(4) konsegwentement, tirrevoka fit-totalita tieghu il-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv numru 1804/2023 fl-ismijiet premessi.

29. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez ta’ dan l-incident ghandhom jigu subiti bin-nofs bejn il-partijiet.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**